KUNSILL LOKALI
**M O S T A**
LOCAL COUNCIL

**Laqgħa Numru 22** **It- Tlieta 9 ta' Diċembru 2025**

Il-Kunsilli Lokali Mosta ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku, Triq Il-Kostituzzjoni, fis-6:00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Joseph Gatt – Sindku
Keith Cassar – Viċi Sindku
Anthony Agius Decelis – Kunsillier
Chris Grech – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:19pm)
Thomas De Martino – Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:35pm)
Michaela Ann Bayliss – Kunsillier
Sammy Mallia – Kunsillier
Maria Pia Bonnici – Kunsillier (daħlet għal- laqgħa fis- 19:26pm)
Rachel Abela – Kunsillier
Aiken Zerafa - Kunsillier (daħal għal- laqgħa fis- 18:14pm)
Charles Schembri- Kunsillier
Chantelle Portelli- Kunsillier

**ASSENTI b' APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):**
Nil.

**ASSENTI:**
Andre Buhagiar- Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Jeremy Bartolo – Segretarju Eżekuttiv

**MISTEDNIN:**
Daniel Galea – Accountant tal- Kunsilli

**Minuti**
Is-Sindku Joseph Gatt ippreseda l-laqgħa.

### 22.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lil- Kunsillieri illi ma rċieva l-ebda ittra t'apoloġija.

### 22.2 Kunsiderazzjoni tal-Minuti nru 21

#### 22.2.1Korrezzjonijiet mill-Minuti ta' laqgħa numru 21

Ma kien hemm ebda korrezzjoni għall-Minuti tal-laqgħa numru 21, għaldaqstant, il-Minuti tal-laqgħa numru 21 ġew approvati nem.con.

**22.2.1 Aġġornamenti mill- Minuti ta' laqgħa numru 21**

**20.3.4 Aġġornamenti - Pjazza Torri**

Is-Sindku informa lill-membri li x-xogħol fuq il-proġett f'Pjazza Torri waqaf bi ftit affarijiet pendent tas-"snag list". Huwa spjega li dawn l-oġġetti għandhom jiġu indirizzati mill-kuntrattur sabiex il-proġett jitqies komplet skont l-ispeċifikazzjonijiet approvati.

Il-Viċi Sindku kkonferma li x-xogħol ilu għal xi żmien wieqaf u enfasizza l-ħtieġa li jsiru follow-ups immedjati mal-kuntrattur sabiex jiġi żgurat li l-aħħar interventi jitlestew fi żmien raġonevoli. Il-Kunsill qabel li għandu jinżamm kuntatt kontinwu mal-kuntrattur biex il-proġett jasal għall-finalizzazzjoni tiegħu mingħajr aktar dewmien.

**20.5.2 Rapport tal- Arborista**

Is-Sindku spjega li l-arborista fadlilha biss l-aħħar xogħlijiet sabiex tikkonkludi r-rapport tagħha. Wara li ppreżentat l-ewwel verżjoni tar-rapport, saret laqgħa bejn l-arborista, il-Kunsillier De Martino, il-Kunsillier Grech u s-Segretarju Eżekuttiv. Matul din il-laqgħa, il-Kunsill talab li jsiru ċerti modifikazzjonijiet u aġġustamenti sabiex ir-rapport ikun jista' jifforma parti integrali mit-tender li għandu jiġi ppreżentat fil-laqgħa li jmiss, dik ta' Jannar.

Il-Kunsill tenna l-importanza li r-rapport finali jkun konformi mar-rekwiżiti tekniċi u amministrattivi kollha, sabiex il-proċess tat-tender ikun jista' jimxi 'l quddiem mingħajr dewmien.

**20.4.4 Kunsillier Grech - Laqgha mad- dipartiment dwar il- finanzi**

Is-Sindku informa lill-membri preżenti li ma kien hemm ebda aġġornament ġdid li ħareġ mill-laqgħa tad-Dipartiment. Huwa spjega li, s'issa, ma waslet l-ebda informazzjoni addizzjonali jew żviluppi li jistgħu jinfluwenzaw il-punti diskussi jew il-passi li għandhom jittieħdu mill-Kunsill.

**21.3.3 Financial Committee**

Il-Kumitat Finanzjarju ġie msejjaħ u d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ġie nfurmat dwar il-kompożizzjoni tal-bord magħżul. Dan il-bord jinkludi lis-Sindku, lill-Viċi Sindku, lill-Accountant tal-Kunsill u lis-Segretarju Eżekuttiv. L-informazzjoni ngħatat sabiex il-proċess amministrattiv ikun jista' jkompli b'mod trasparenti u skont il-proċeduri stabbiliti.

18:10 Is-Sindku ppropona li ssir sospensjoni tal-laqgħa biex jiġi diskuss punt 22.5.2 mill-accountant tal-Kunsill.

**22.5.2 Quarterly Report 3 – 2025**

L-Accountant spjega li sa tmiem Settembru 2025, id-dħul totali kien ta' €1,248,269. Il-parti l-kbira ġiet mill-fondi tal-Gvern Ċentrali, li ammontaw għal €1,035,611, filwaqt li d-dħul minn bye-laws kien €111,428 u minn LES €19,389. Kien hemm ukoll dħul ieħor ta' €81,751.

Fir-rigward tal-ispejjeż,l-ispiża totali kienet ta' €1,236,407. L-akbar sehem kien fl-operazzjonijiet u manutenzjoni b'€755,200, segwit minn emolumenti personali ta' €299,644. L-amministrazzjoni swiet €63,207, u d-deprezzament tal-assi kien €118,356.

Dan ifisser lil-Kunsill ġġenera surplus żgħir ta' €11,862, qrib ħafna tal-projezzjoni baġitarja ta' €12,055. Dan juri li l-prestazzjoni finanzjarja tagħna hija stabbli u fil-linja mal-baġit.

Madankollu, nnota li l-kapital tax-xogħol jibqa' negattiv (€-826,901) minħabba li l-obbligazzjonijiet tal- Kunsill huma għoljin meta mqabbla mal-assi kurrenti. Minkejja dan, il-pożizzjoni tal-flus tjiebet: illum għandna €356,841 fil-kontijiet, meta bdejna s-sena b'€325,983. Saru wkoll investimenti kapitali ta' €123,098 f'assi bħal propjetà u tagħmir.

Bħala konklużjoni, il-kunsill għandu jkompli jissorvelja l-ħlasijiet u r-riċevibbli biex intejbu l-likwidità, u nżommu l-kontroll fuq l-ispejjeż, speċjalment fil-manutenzjoni. Il-Kunsill approva dan ir- rapport unanimament.

**22.3 Komunikazzjoni / Korrispondenza mis-Sindku**

**22.3.1 Skema SPI/SCI/06/2025 u SPI/SCI/07/2024**

SPI/SCI/06/2025 - Is-Sindku preżenta l-ewwel skema fis-suġġett, li tirrelata ma' fond ta manutenzjoni u sostenn ta' proġetti infrastrutturali maġġuri li ġew imwettqa mill- gvern ċentrali. L-applikazzjoni tal-Kunsill instabet eliġibbli u intgħażlet mill-bord t'evalwazzjoni; l-applikazzjoni inkitbet abbażi ta' sistema ta' dawl fi- ġnien fi Triq il-Mitħna l-Qadima.

SPI/SCI/07/2024- Is-Sindku preżenta it-tieni skema fis-suġġett fejn il- Kunsill intgħażel biex isiru xi xogħolijiet ta' manutenzjoni u estetika fiċ- ċentru ċiviku, fejn ser isir xogħol ta' żebgħa u tikħil internament fl- uffiċini tal-Kunsill, il- komun, il- librerija u s- sala tal-komunita.

**22.3.2 Akkumulazzjoni ta' *Vacation leave* tal- impjetati tal- Kunsill u s- Segretarju Eżekuttiv**

Is-Segretarju Eżekuttiv preżenta lista ta' *Vacation leave* tal-impjegati biex ikun mgħoddi mis-sena 2025 għal-2026, skond it-termini tal- impjieg rispettivi tagħhom. Is- Sindku preżenta talba mingħand is- Segretarju Eżekuttiv bl- ammont ta' *Vacation leave* biex ikun mgħoddi mis-sena 2025 għal-2026, skond it-termini tal-impjieg rispettiv. Dawn it-talbiet ġew approvati unanimament mil-Kunsillieri preżenti.

**22.3.3 Sja. Ebejer – talba biex titla notch**

Is- Sinjura Ebejer, impjegata tal-Kunsill, talbet lil-Kunsill sabiex titla minn scale 14 notch 5 ghal scale 14 notch 6, fit-18 ta' Diċembru 2025. Il- Kunsill qabel unanimament.

**22.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

Ma kienet preżentata ebda mistoqsija fuq il-ħidma tal- Kunsill mil-Kunsillieri preżenti.

**22.5 Rapporti**

**22.5.1 SPI/SCI/02/2024-Finanzjament Kommunitajiet aktar b'saħħithom u inklussivi**

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-membri tal-Kunsill li rċieva komunikazzjoni relatata mal-iskema SPI/SCI/02/2024 "Finanzjament Komunitajiet Aktar b'saħħithom u Inklussivi". It-talba oriġinali kienet biex il-bollards jintużaw għall-għeluq tal-pjazza, iżda ġie propost li minflok

jitpoġġew biex itejbu s-sigurtà fit-toroq, b'mod partikolari għall-mixi fuq il-bankini. Din il-proposta ġiet diskussa u approvata mill-bord t'evalwazzjoni.

**22.5.3 Talba mis-Soċjeta Filarmonika Santa Marija**

Is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija Mosta ressqet talba lill-Kunsill Lokali biex tkun tista' tuża parti mill-Batterija tat-Tarġa bħala maħżen u workshop. Bħalissa, il-batterija qed tintuża mill-Grupp tal-Iscouts Mosta skont ftehim eżistenti mal-Kunsill. Il- Viċi Sindku għamel enfasi li din il-batterija kienet ingħatat lill-Kunsill mill-Gvern b'kundizzjoni li tingħata speċifikament lill-Grupp tal-Iscouts.

Fit-talba uffiċjali tagħhom, is-Soċjetà Filarmonika Santa Marija sostniet li, bħala Organizzazzjoni Volontarja (VO) fil-lokalità, għandhom ukoll dritt jagħmlu użu minn dan is-sit peress li jservu l-komunità Mostija.

Is-Sindku se jirrevedi d-dokumentazzjoni kollha relatata mal-ftehim eżistenti u terġa titressaq għal-evalwazzjoni tal- Kunsill.

**22.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni**

**22.6.1 Skeda tal-Pagamenti**
l- Iskeda ta' Pagamenti numru 168 kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**22.6.2 Purchase Orders**
Il-lista ta' Purchase Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**22.6.3 Works Orders**
Il- lista ta' Works Orders ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**22.6.4 Petty Cash**
Il-lista tal-Petty Cash ippreżentata kienet approvata mill- Kunsillieri preżenti nem. con.

**22.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduti li jmiss.**
Il-laqgħa ntemmet uffiċjalment fis-19:28 p.m. Kien hemm qbil unanimu bejn il-membri preżenti li l-Laqgħa Numru 23 tal-Kunsill Lokali ser ssir nhar it- Tlieta, 20 ta' Jannar 2026, fis-18:00pm.

Joseph Gatt — Sindku

Jeremy Bartolo — Segretarju Eżekuttiv